REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/685

tat-28 ta' April 2022

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 333/2007 fir-rigward tar-rekwiżiti tat-teħid ta' kampjuni għall-ħut u għall-annimali terrestri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 ([2]) jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi biex jintużaw għall-kontroll tal-livelli ta' mikroelementi u ta' kontaminanti tal-ipproċessar fl-oġġetti tal-ikel.

(2) Fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 333/2007 ġew stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi għat-teħid ta' kampjuni ta' ħut kbir li jasal f'lottijiet kbar u skonthom il-parti tan-nofs ta' tali ħut għandu jittieħed kampjun minnhom. Peress li f'xi każijiet dan jista' jkollu impatt kbir fuq il-prodott, jenħtieġ li jiġu previsti rekwiżiti alternattivi għat-teħid ta' kampjuni, sabiex ikun jistgħu jittieħdu wkoll kampjuni mir-ras jew mid-denb. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi dwar liema parti tal-ħut għandu jittieħed kampjun minnha, skont id-daqs differenti tal-ħut, peress li tali rekwiżiti jiżguraw komparabbiltà aħjar tar-riżultati analitiċi fl-Unjoni kollha.

(3) Fir-rigward tar-rekwiżiti emendati tat-teħid ta' kampjuni għall-ħut, jenħtieġ li tiġi emendata wkoll id-definizzjoni ta' "lott" u jenħtieġ li tiġi pprovduta definizzjoni ta' "daqs jew piż komparabbli".

(4) Fl-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ([3]) ġew stabbiliti rekwiżiti għat-teħid ta' kampjuni ta' annimali terrestri u prodotti tal-akkwakultura għall-analiżi ta' residwi u kontaminanti. Id-Direttiva 96/23/KE tħassret bir-Regolament (UE) 2017/625, iżda skont l-Artikolu 150 ta' dak ir-Regolament, dik id-Direttiva tibqa' applikabbli sal-14 ta' Diċembru 2022. Meta jitqies it-tmiem ta' dawk il-miżuri tranżitorji relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva 96/23/KE, tali rekwiżiti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 333/2007 biex japplikaw mill-15 ta' Diċembru 2022.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 333/2007 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikroelementi u ta' kontaminanti tal-ipproċessar fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 333/2007 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Anness għandu japplika mill-15 ta' Diċembru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 333/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(a) id-definizzjoni ta' "lott" hija sostitwita b'dan li ġej:

"lott": kwantità identifikabbli ta' ikel fornita f'waqt wieħed u ddeterminata mill-uffiċċjal li għandha karatteristiċi komuni, (bħalma huma l-oriġini, il-varjetà, l-ispeċi, iż-żona ta' qbid, it-tip ta' ppakkjar, ta' minn jippakkja, il-fornitur jew l-immarkar);";

(b) tiżdied id-definizzjoni li ġejja:

"daqs jew piż komparabbli": id-differenza fid-daqs jew fil-piż ma taqbiżx il-50 %.";

(2) Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(a) il-punt B.2.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B.2.3. **Dispożizzjonijiet speċifiċi għat-teħid ta' kampjuni ta' lottijiet li jkun fihom ħut sħiħ ta' daqs jew piż kumparabbli**

In-numru ta' kampjuni inkrimentali li għandhom jittieħdu mil-lott hu stabbilit fit-Tabella 3. Il-kampjun aggregat li jgħaqqad il-kampjuni inkrimentali kollha għandu jkun ta' mill-inqas 1 kilogramma (ara l-punt B.2.2).

— F'każ li l-lott li minnu għandu jittieħed il-kampjun ikollu fih ħut żgħir (ħut individwali li jiżen < 1kilogramma), il-ħuta sħiħa tittieħed bħala kampjun inkrimentali biex tifforma l-kampjun aggregat. F'każ li l-kampjun aggregat li jirriżulta jkun jiżen aktar minn 3 kilogrammi, il-kampjuni inkrimentali jistgħu jikkonsistu mill-parti tan-nofs, li kull waħda tiżen mill-inqas 100 gramma, tal-ħut li jifforma l-kampjun aggregat. Il-parti sħiħa li għaliha japplika l-livell massimu, tintuża għall-omoġenizzazzjoni tal-kampjun.

Il-parti tan-nofs tal-ħuta hija dik fejn jinsab iċ-ċentru ta' gravità. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dan jinsab fix-xewka tad-dahar (f'każ li l-ħuta jkollha xewka tad-dahar) jew fin-nofs bejn il-fetħa tal-garġi u l-anus.

— F'każ li l-lott li għandu jittieħed kampjun minnu jkollu fih ħut ikbar (ħut individwali li jiżen ≥1 kilogramma), il-kampjun inkrimentali jikkonsisti mill-parti tan-nofs tal-ħut. Kull kampjun inkrimentali jiżen mill-inqas 100 gramma.

Għal ħut ta' daqs intermedju (≥ 1 kilogramma u < 6 kilogrammi) il-kampjun inkrimentali jittieħed bħala biċċa ħuta maqtugħa mis-sinsla saż-żaqq fil-parti tan-nofs tal-ħuta.

Għall-ħut kbir ħafna (≥ 6 kilogrammi), il-parti inkrimentali tittieħed mill-parti tal-lemin (aspett frontali) tal-laħam mill-muskolu dorso-laterali fil-parti tan-nofs tal-ħuta. Meta t-teħid ta' tali biċċa mill-parti tan-nofs tal-ħut jirriżulta fi ħsara ekonomika sinifikanti, it-teħid ta' tliet kampjuni inkrimentali ta' mill-inqas 350 gramma kull wieħed jista' jitqies bħala suffiċjenti indipendentement mid-daqs tal-lott jew alternattivament tliet kampjuni inkrimentali ta' mill-inqas 350 gramma kull wieħed minn parti ugwali (175 gramma) tal-laħam tal-muskoli qrib il-parti tad-denb u l-laħam tal-muskoli qrib il-parti tar-ras ta' kull ħuta jistgħu jitqiesu li huma suffiċjenti indipendentement mid-daqs tal-lott.";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"B.2.4. **Dispożizzjonijiet speċifiċi għat-teħid ta' kampjuni minn lottijiet ta' ħut li fihom ħut sħiħ ta' daqsijiet u/jew piżijiet differenti**

Fir-rigward tal-kostituzzjoni tal-kampjun għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-punt B.2.3.

F'każ li klassi/kategorija ta' daqs jew ta' piż tkun predominanti (madwar 80 % jew aktar tal-lott), il-kampjun jittieħed minn ħut li għandu d-daqs jew il-piż predominanti. Dan il-kampjun għandu jitqies bħala rappreżentattiv għal-lott kollu.

F'każ li l-ebda klassi/kategorija partikolari ta' daqs jew ta' piż ma tkun predominanti, għandu jiġi żgurat li l-ħut magħżul għall-kampjun ikun rappreżentattiv tal-lott. Għal każijiet bħal dawn hemm gwida speċifika fil-'Guidance document on sampling of whole fishes of different size and/or weight' (*) (Dokument ta' gwida dwar it-teħid ta' kampjuni ta' ħut sħiħ ta' daqsijiet u/jew piżijiet differenti)."

B.2.5. **Dispożizzjonijiet speċifiċi għat-teħid ta' kampjuni ta' annimali terrestri**

Għal-laħam u l-ġewwieni tal-annimali porċini, bovini, ovini, kaprini u ekwini għandu jittieħed kampjun ta' 1 kilogramma minn tal-inqas annimal wieħed. Jekk ikun meħtieġ biex tinkiseb kwantità tal-kampjun ta' 1 kilogramma, għandhom jittieħdu kwantitajiet tal-kampjun ugwali minn aktar minn annimal wieħed.

Għal-laħam tat-tjur għandu jittieħed kampjun ta' kwantitajiet ugwali minn tal-inqas tliet annimali sabiex jinkiseb kampjun aggregat ta' 1 kilogramma. Għall-ġewwieni tat-tjur għandu jittieħed kampjun ta' kwantitajiet ugwali minn tal-inqas tliet annimali sabiex jinkiseb kampjun aggregat ta' 300 gramma.

Għal-laħam u l-ġewwieni ta' annimali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u annimali terrestri selvaġġi għandu jittieħed kampjun ta' 300 gramma minn tal-inqas annimal wieħed. Jekk ikun meħtieġ biex tinkiseb kwantità tal-kampjun ta' 300 gramma, għandhom jittieħdu kwantitajiet tal-kampjun ugwali minn aktar minn annimal wieħed.

(*) https://ec.europa.eu/food/safety/chemical-safety/contaminants/sampling-and-analysis";

(3) il-punt C.2.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"C.2.1. **Prekawzjonijiet u kunsiderazzjonijiet ġenerali**

Il-ħtieġa bażika hija li jinkiseb kampjun tal-laboratorju rappreżentattiv u omoġenju mingħajr l-introduzzjoni ta' kontaminazzjoni sekondarja.

Il-parti sħiħa li għaliha japplika l-livell massimu għandha tintuża għall-omoġenizzazzjoni tal-kampjun.

Għall-prodotti għajr il-ħut, il-materjal kollu tal-kampjun li jirċievi l-laboratorju għandu jintuża għat-tħejjija tal-kampjun tal-laboratorju.

Għall-ħut, il-materjal kollu tal-kampjun li jasal għand il-laboratorju għandu jiġi omoġenizzat. Mill-kampjun aggregat omoġenizzat, għandha tintuża parti/kwantità rappreżentattiva għall-preparazzjoni tal-kampjun tal-laboratorju.

Il-konformità mal-livelli massimi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-livelli stabbiliti fil-kampjuni tal-laboratorju."